MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA**

Seduta tas-27 ta' Marzu, 2003

Numru 88/2003

**Artikoli 221(4), 95, 96, 338(m), 338(bb) u 325(c) tal-Kap 9**
**tal-Ligijiet ta' Malta**

**Il-Pulizija**
**Spettur Mario Bonello**
**V**

**LEONARD PACE**

**Seduta ta' llum, 27 ta' Marzu 2003**
**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **LEONARD PACE** ta' erbghin sena bin Joseph u Carmela nee Grima, imwieled l-Marsa nhar s-sittax ta' Ottubru 1962 u residenti 'Joscarm', Triq il-Kanun, Santa Venera, detentur tal-karta tal-identita numru 645362M, gie mressaq quddiemha akkuzat talli fit-tnax ta' Jannar 2003 ghall-habta tas-saghtejn u kwart ta' filghodu waqt li kien fl-isptar San Luqa fi Gwardamangia:

1. Hebb ghal Kenneth Ciappara w kkagunalu griehi ta' natura hafifa skond kif ccertifika Doctor Alan Drago MD tal-Isptar Sal Luqa;

2. Talli fl-istess zmien, hin, lok u cirkostanzi attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b'hebb ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra l-imsemmi Kenneth Ciappara u PS 768 S. Brincat persuni nkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku filwaqt li kienu jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' awtorita kompetenti;

3. Talli fl-istess zmien, lok, hin u cirkostanzi voluntarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku b'ghajjat u glied;

4. Talli fl-istess zmien, lok, hin u cirkostanzi qal kliem oxxen fil-pubbliku;

5. Talli fl-istess zmien, lok, hin u cirkostanzi ngurja jew hedded jew ghamel offiza fuq il-persuna ta' Kenneth Ciappara, li huwa nkarigat skond il-ligi minn servizz pubbliku filwaqt li kien qed jaghmel jew minhabba li kien ghamel dan is-servizz jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta dak is-servizz;

6. Talli fl-istess zmien, lok, hin, u cirkostnazi ghamel hsara voluntarja li l-valur taghha huwa ta' aktar minn hamsin lira maltin ghad-detriment tal-Gvern ta' Malta.

Rat id-dokumenti kollha esebiti fosthom il-kunsens tal-Avukat Generali datat sebgha w ghoxrin ta’ Jannar, 2003 esebit fl-atti u mmarkat dokument CSH 2 sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat kif registrata waqt l-esami li sar skond l-artikolu 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta nhar s-sebgha w ghoxrin ta' Marzu 2003 u ghalhekk fuq tali ammissjoni l-Qorti m'ghandhix triq ohra salv li ssibu hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu.

Semghet lil imputat jiddikjara li m'ghandhux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita.

Il-Qorti wisset lill-istess imputat b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu ftit taz-zmien biex jekk ried setgha jerga lura minnha u fil-fatt l-ammissjoni tieghu giet registrata fl-atti ta' din il-kawza fl-istess seduta ta' llum s-sebgha w ghoxrin ta' Marzu 2003 u dana fil-prezenza tal-avukat difensur tieghu.

Illi ghalhekk rinfaccjata b'ammissjoni volontarja, espressa w inkondizjonata da parti tal-imputat, hija sodisfatta li l-imputat ghandu jinstab hati tal-akkuzi kif addebitati fil-konfront tieghu.

Rat il-fedina penali tal-imputat li ma hiex daqstant reflettarja.

Qisiet ic-cirkostanzi kollha tal-kaz kif spjieati lilha mill-imputat.

Semghet lil Prosekuzzjoni tghid li l-imputat kkopera bis-shih maghha tul l-investigazzjoni kollha u li l-imputat agixxa meta kien mugugh minhabba li kien involut f'incident awtomobilistiku u kellu diversi feriti u sahansitra anke kellu *concusion* u ghalhekk f'dawn ic-cirkostanzi il-Qorti thoss li hemm cirkostanzi specjali sabiex taghti piena inqas mill-minimu u dan ai termini tal-artikolu 21 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Il-Qorti ghalhekk wara li rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikoli 221(4), 95, 96, 338(m), 338(bb) u 325(c) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta tiddikjara li ssib lil imputat LEONARD PACE hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu fuq ammissjoni tieghu stess u tikkundannah ghal hlas ta' multa ta' mija u hamsin lira maltin [LM 150].**

--------------------------------TMIEM--------------------------------